# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 37 - Laqgħa b'urġenza**

**8 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fis-6.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Carmel Farrugia– Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**ASSENT B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Victor Cefai – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

**37.1.1** Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ippreżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku Victor Cefai. Il-Kunsill qabel unanimament li il-Vici Sindku għandu jiġi skużat.

**37.2 Accelerated Tender – Asfaltar ta' parti minn Triq tal-Ghajn.**

**37.2.1** Is-Sindku informa lil Kunsill li is-Sibt li ghadda, 3 ta' Novembru, sar iffirmar ta' zewg kuntratti bejn il-Ministeru ghall-Ghawdex u il-Kunsill Lokali Fontana fejn ser jinghataw madwar €134,000 ghal xogholijiet ta' asfaltar mill-gdid ta' parti minn Triq tal-Ghajn bejn Pjazza Sant Wistin u Triq Kapillan Guzepp Hili. Dawn il-Kuntratt gew iffirmati mis-Sindku u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali. Il-Ministeru ghamlu enfazi li dan ix-xoghol irid isir mill-aktar fis possibli sabiex tintuza' l-allokazzjoni tas-sena 2018 ghall-dawn il-progetti. Is-Sindku qal lil Kunsill li il-parti l-ohra ta' Triq il-Ghajn bejn it-Triq Kappillan Guzepp Hili u il-Knisja Parrokkjali, li il-Kunsill kien talab ukoll fondi ghaliha flimkien ma Trejqet wara l-idjar ma inghatax fondi ghalihom. Meta staqsa rigward dan lill-Ministru Ghall-Ghawdex, gie infurmat sabiex titressaq l-istima ghas-sena 2019.

Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq il-punt li it-*traffic management* isir minn naha tal-kuntrattur biex nevitaw spejjez zejda.

Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu isir f'*tender* wiehed mhux bil-*lots* izda ix-xoghol jinhadem f'zewg partijiet differenti biex innaqsu il-problemi lir-residenti ta' din it-triq peress li hija triq arterjali.

**37.3 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-7.00p.m.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**